MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 617/2011

Nicholas Fenech

Vs

Wilfred Cardona

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li pprezenta l-konvenut (16.10.2014).

Rat it-twegiba tal-attur (31.10.2014).

Rat is-sentenza tat-13 ta’ Ottubru 2014.

Rat l-Artikolu 825 tal-Kap. 12.

Fl-ewwel lok tirrileva li fit-twegiba l-attur qieghed jistieden lill-qorti biex tikkunsidra punti li jaqghu barra mill-ezercizzju li jista' jsir f'dan l-istadju. L-ghan wara l-Artikolu 825 m'huwiex li l-qorti terga' titratta l-meritu. L-attur ghandu kull opportunita' li jipprponi appell jekk ma jaqbilx mar-ragunament tal-qorti jew jekk hu tal-fehma li l-qorti ma kkunsidratx xi affarijiet.

Hu evidenti li l-qorti hadet zball fil-kalkoli li ghamlet, fis-sens li kif jinghad fis-sentenza (**ara pagna 6**) l-hlas li sar mill-Awtorita tat-Trasport kien ta' €30,900, in kwantu ghal €10,300 fil-25 ta' Marzu 2010 u €20,600 fit-2 ta' Jannar 2011.

Hemm ukoll zball tal-pinna fejn jinghad "Bilanc dovut lill-attur" in kwantu din kellha taqra *"Bilanc dovut lill-konvenut"* gialadabra li l-hlas hu dovut lill-konvenut li kien is-sid tax-xarabank oggett tal-kuntratt li ghamlu bejn il-partijiet.

Ghalhekk f'dik il-parti tas-sentenza fejn il-qorti ghamlet il-kalkoli ghandu jaqra hekk:-

*Ghaldaqstant, skond il-kalkoli li ghamlet il-qorti:-*

*Kapital fis-27 ta' April 2009 ........................€47,916.29*

*Imghax sa 25 ta' Marzu 2010[1]........................€3,486.73*

*Hlas maghmul fil-25 ta' Marzu 2010...............(€10,300)*

*Bilanc dovut* ***€41,103.02****.*

*Kapital fis-26 ta' Marzu 2010 ........................€41,103.02*

*Imghax sat-2 ta' Jannar 2011[2] .......................€2,538*

*Hlas maghmul fit-2 ta' Jannar 2011.................(€20,600)*

*Bilanc dovut lill-konvenut* ***€23,041.02*** *u jibqa' jiddekorri l-imghax sad-data tal-hlas.*

**Ghaldaqstant, tilqa' t-talba tal-konvenut u tordna li fis-sentenza ssir il-korrezzjoni relattiva fis-sens li:**

1. F'pagna 11 tas-sentenza c-cifra:-

   **(a)€30,900 tithassar u tigi sostitwita bis-somma ta' €20,600;**

   **(b)Il-kliem "Bilanc dovut lill-attur" ghandu jaqra *"Bilanc dovut lill-konvenut"*.**

   **(c)€12,741.02 tithassar u tigi sostitwita bis-somma ta' €23,041.02**

---

[1] *Data meta sar l-ewwel pagament mill-Gvern fl-ammont ta' €10,300.*
[2] *Data meta sar it-tieni pagament mill-Gvern fl-ammont ta' €20,600.*

**2.** Il-paragrafu 6 tal-parti dispozittiva jaqra:-

***Fir-rigward tas-sitt talba tikkundanna lill-konvenut sabiex mill-ahhar hlas maghmul skond il-ftehim li ghamel mal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta fit-28 ta' Jannar 2010, jirrifondi l-bilanc li jibqa' lill-attur wara li jzomm ghalih is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf wiehed u erbghin ewro u zewg centezmi (€23,041.02) flimkien mal-imghax kalkolat sal-lum*.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------